**Li tkun wahdek**

Kont qed naqra il-ktieb eccellenti tad-Duminikan Thomas Radcliffe ``*I Call you friends*``*.* F`dan il-ktieb, li hu minjiera ta` gherf u esperjenzi, l-awtur isemmi l-incident ta` meta f`Londra fil-bidu tat-tixrid tal-marda ta` l-Aids fi sptar kien miet wiehed milqut b`din il-marda. Dak iz-zmien kien hawn inqas gharfien mil-lum dwar din il-marda u kif tinxtered. Il-pazjent miet litteralemt wahdu, la tal-familja u lanqas l-infermiera ma kienu mieghu fil-mument tal-mewt. Anki l-ikel kienu ihalluhulu barra il-bieb, u hu, dghajjef u moribond, kien iqum, jigbru u jieklu wahdu. Minn dak il-mument l-Ordni Duminkan beda programm biex jiehu hsieb lil dawk morda bl-Aids li huma ulied Alla daqs kull proxxmu iehor

Kemm hi kerha is-solitudini u kemm hemm bzonn kull wiehed u wahda minna jaghmel iktar biex inaqqas l-effetti taghha fuq il-proxxmu taghna. Is-solitudini tigi f`diversi forom. Hawn is-solitudini marbuta max-xjuhija. Bil-progress fix-xjenza in-nies qed tghix iktar; izda hekk ukoll kif il-hajja qed issir akar mghaggla, kulhadd qed jahseb ghal rasu u fuq kollox l-ideja li it-tfal iduru mal-genituri qed tiddghajjef ukoll ghax kulhadd irid ighix il-hajja tieghu.

B`hekk is-solitudini fost l-anzjani qed tizdied. Ghall-grazzja t`Alla hawn djar tax-xjuh, statali u privati li jaghmluna unur, u ma ghadx hawn l-ideja li x-xjuh taghna jibzghu jirtiraw ghall-ahhar granet barra mid-dar. Izda, kif nghidu ``ma hawn xejn isbah mid-dar.`` Fl-Italja dan l-ahhar ghaqdiet taz-zghazagh niedew programm ta` adozzjoni tax-xjuh. Kull zaghzugh jew zaghzugha adottat persuna anzjana; responsabbli hu ghaliha li jaraha imqar biex ighidilha `bongu`. Dik il-kelma `bongu` taf taghmel gid u iggib tbissima fuq wicc min huwa wahdu iktar minn kwalunkwe haga ohra.

Minn mindu kont zghir kont inhoss certa gibda lejn min hu anzjan. Kont u ghadni narahom qishom librerij ta` gherf, ghaqal u esperjenzi minn fejn tista` tissellef minghajr hlas. Apparti minn hekk, l-ghaqal u l-esperejnza igibu maghom certa trankwilita` u kalma. Jaraw id-dinja u il-hajja minn lenti differenti; jiehdu gost mix-xejn; u ihobbu jitkellmu fuq dak li ghadda minn fuqhom. Fuq kollox ifakkrnuni li xi darba jew ohra kollha ghad nixjiehu u b`hekk din il-faxxa tas-socjeta` haqqha kull rispett anki ghaliex dak li ghandna llum hu frott ta` dak li hadmu ghalih huma.

Hemm is-solitudini tal-mard; ghall-grazzja t`Alla, f`socjeta` u kommunita` zghira bhal Malta l-isptar ma jarax pazjenti u infermiera biss. Hafna qraba u hbieb imorru jaraw lil min ihobbu fl-isptar. Ohrajn li ma jkollhom lil hadd l-isptar izuru il-morda. Huwa biss min ghamel xi zmien l-isptar li jaf kemm hi sabiha li filli tkun wahdek u f`daqqa wahda jigi jarak xi hadd, u igharrfek b`dak li qed jigri ``hemm barra`. Dawn iz-zjarat ma jqumu xejn izda ghal min jircevihom huma mitt uqija deheb u jinzlu bhal balzmu f`dak li jkun.

Izda hemm solitudini gdida. Dik marbuta mal-gid, ix-xaba` u l-materjalzizmu li iggib maghha socjeta` li qed tikber u tistaghna. Kemm hawn nies (u ma nwahhlux biss fiz-zghazagh) li qishom m`ghandhomx skop f`hajjithom. Ma jonqoshom xejn u jonqoshom kollox; dejjem iduru wara xi haga li ma jafux x`inhi, jigru wara l-imtiehen ta` Don Quixote u ma jafux minn fejn gejjin jew

fejn qeghdin u lanqas fejn sejrin; ma jinvolvu ruhhom f`xejn. Jahsbu biss fuq issa qisu ghada ma jasal qatt; jinghalqu fihom infushom, rari jitbissmu u xejn ma jissodisfahom. Din hi solitudini iktar difficli. L-ewwlenett ghax mhux facli tinduna biha; izda tezisti u min ighaddi minn dan l-stadju ghandu bzonn l-ghajnuna u inkorragiment; dik it-tbissima u bongu fil-ghodu, jew ``kif int?`` tista` taghmel mirakli. Li tpoggi idejk fuq spallejn xi hadd li jhossu wahdu tista` taghmel id-differenza kollha.

Dan kollu ma jqumx sold wiehed. Izda juri li ghadna bnedmin; li ghadna jimportana minn haddiehor; illi il-messagg nisrani ghadu attwali u bzonnjuz iktar minn qatt qabel.

Tonio Borg